MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' April, 2012

Avviz Numru. 322/2006

**Robert Cutajar (ID: 124272M)**

**Vs**
**1. Miriam Dalli**
**2. Charlon Gouder**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jkunu kkundannati li :-

1. prevja d-dikjarazzjoni illi l-allegazzjonijiet maghmula fil-konfront tal-attur imxandra fl-ahbarijiet tad-9 ta' Ottubru, 2006, fuq Super One Televison –(Dok. A) – li tieghu l-konvenuta Dalli hija l-editur u l-konvenut Gouder huwa l-awtur – huma libelluzi u malafamanti fil-konfront tal-attur u ghandhom bhala skop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazjoniet tieghu
2. ihallsu lill-attur dik is-somma li tistabbilixxi dina l-Qorti, a tenur ta' l-Art. 28 tal-ligi dwar l-Istampa (Kap 248).

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument anness mal-istess rikors a fol 2 tal-atti u markat Dok A.

Rat ir-risposta tal-konvenuti (fol 9 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Illi l-pubblikazzjoni msemmija mill-attur mhijiex libelluza fil-konfront tieghu.
2. Illi inoltre il-fatti msemmija jikkonsistu f'rapurtagg gurnalisitku dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku accettabbli f'socjeta demokratika, kemm taht il-Ligi ta' l-Istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem. Jekk l-attur dehrlu li kien fihom xi inezattezzi li jolqtu lilu, huwa kellu r-rimedju tar-retifiki taht l-istess Att dwar l-Istampa.
3. Illi in kwantu l-artikolu jikkontjenti kummenti, dawn jikkonsistu f'fair comment maghmul in buona fede dwar fatti sostanzjalment veri u fuq kwistjoni ta' interess pubbliku, accettabbli f'socjeta demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 151 sa 154 tal-atti kif ukoll in-nota a fol 155 ibid.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-attur.

Ikkunsidrat

Illi l-attur (fol 11 u fol 118 et seq ibid) spjega illi hu ufficjal tal-komunikazzjonijiet fl-Ufficju tal-Prim Ministru fil-Berga ta' Kastilja u zewg kollegi, ufficjali ukoll fl-istess Ufficju kienu qalulu illi hu kien issemma meta zewg persuni kienu tkellmu mal-istess kollegi u kienu qalu '… illi jiena hadt hames mitt lira (Lm500) biex insib xoghol lil certu guvni li jismu Lee Degiorgio'. Dwar iz-zewg persuni kien dan tal-ahhar li ssemma u Teresa Grima. Ghalhekk hu kien ghamel rapport lill-Pulizija u kien jaf li Teresa Grima kienet

tressqet quddiem il-Qorti kif gara ukoll fil-konfront ta' persuna ohra ossija Francis Mizzi, maghruf bhala 'Il-Pluto'. Filfatt il-kaz in desamina jinvolvi l-proceduri kriminali li ttiehdu kontra Teresa Grima kienu jinvolvu malafama u kalunnja fil-konfront tal-attur. Hawnhekk l-attur indika fejn oggezzjona ghal dak imnizzel fir-rappurtagg in esami, skond kif traskritt a fol 2 tal-atti (ara ukoll id-dokument Dok SM a fol 19 tal-atti). Hu kien oggezzjona b'mod specjali ghar-raba (4) paragrafu fejn inghad illi l-pagament illi '… allegatament suppost kellu jircievi dawn il-flus minghand il-Pluto bhala ringrazzjament talli lill-guvni irnexxilu jsiblu impjieg'. Sussegwentment hemm rapurtat illi Teresa Grima kienet indikat, fix-xhieda taghha, kif ghaddiet il-flus lil Francis Mizzi waqt li, fir-realta, l-istess Grima qatt ma kienet xehdet fil-proceduri kontra taghha. Inoltre, u fit-tielet lok, l-attur oggezzjona ghall-paragrafu fejn jinghad 'Ir-raguni li l-Pluto attribwixxa ghax il-flus baqghu qatt ma nghataw lil Cutajar hija l-problemi finanzjarji kbar li kellu minhabba l-vizzju ta' l-usura'. Dwar dan l-attur, sostna li fil-kumpilazzjoni, ma irrisultax li dan il-kliem intqalu. Fl-ahhar nett hu xehed illi mix-xhieda li nghata fil-kaz kontra Francis Mizzi, dan kien qal illi '… lili qatt ma kellimni fuq il-kaz u li qatt ma laqqani mal-persuni involuti waqt li fir-rapurtagg ma kien hemm xejn li jindika li hu, l-attur, kien '… estranew ghal dan'.

Illi, ma' dawn l-atti, giet annessa kopja awtentikata tal-atti kollha tal-process kontra Teresa Grima (fol 19 et seq ibid). Minn dan jidher (a fol 53 sa fol 55) illi fid-9 ta' Ottubru 2006 kien xehed <u>Francis Mizzi</u> imlaqqam 'il-Pluto' spjega kif kien talab somma flus lil Triza ossija Teresa Grima u l-gharus ta' din sabiex dan jsib xoghol bhala suldat li dan tal-ahhar liema flus, skond ma kien qallilhom hu stess, kien ser jaghtihom li Robert Cutajar. Dawn il-flus, pero, kien zammhom hu stess ghax kellu bzonnhom minhabba self b'usura. Inoltre hu qatt ma kien tkellem mal-attur dwar l-imsemmi xoghol. Mill-atti tal-istess kaz kriminali jirrisulta illi l-akkuzata, Triza Grima kienet ghazlet li, ma tixhidx u fil-fatt fis-6 ta' Dicembru 2006, kienet inghatat is-sentenza fejn l-akkuzata ma nstabitx hatja tal-akkuzi kollha. Pero, sussegwentment, il-Qorti tal-Appell b'sentenza moghtija fid-29 ta' Marzu 2007, (fol 109 et seq ibid) kienet irriformat

din is-sentenza u kienet sabet lill-akkuzata hatja tat-tielet (3) akkuza ossija ‘talli… bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gih ta’ Robert Cutajar … wegghetu bi kliem, b’gesti, b’kitba, b’disinji jew b’xi mod iehor’.

Illi mill-istess atti tal-kas kriminali kontra Triza Grima, jirrisulta illi din, effettivament qatt ma kienet xehdet bil-gurament quddiem il-Qorti izda kienet giet esebita stqarrija rilaxxata minnha lill-Pulizija (fol 33 ta’ dawn l-atti).

Illi l-attur, in kontroesami, beda billi qal, in rigward ir-rappurtagg in esami illi kien minnu li Triza Grima kienet tressqet il-Qorti fuq akkuza ta’ karunnja fil-konfront tal-istess attur li jahdem fl-ufficju tal-Prim Ministru u rrefera ghal dawn il-fatti bhala ‘.. .parti mill-verita’. Inoltre kien minnu li kien jaf lil Francis Mizzi izda f’dan l-artikolu ma hemmx il-verita’. Inoltre fit-tielet paragrafu tar-rappurtagg ‘…. kollu huwa veru’. Izda ‘hemm affarijiet nieqsa’. Difatti mistoqsi jekk ‘… xi hadd ta’ lil Francis Mizzi hames mitt lira (Lm500) barra d-Dar Centrali tal-Partit Nazzjonalista …. Jiena ma kontx naf sirt naf b’din l-istorja mill-Qorti’. Lanqas ma jaf li ’…. Dan il-guvni ta’ dan l-ammont ta’ flus lil Mizzi biex ikun jista’ jidhol mal-Fozi Armati …’. Difatti ‘Jiena rrapurtajtu lill-Pulzija ghaliex xi hadd (cjoe Triza Grima) kienet qed taghmel din l-allegazzjoni’ u kienu l-Pulizija li nvestigaw l-istess allegazzjoni u mhux fl-Ufficju tal-Prim Ministru fejn l-attur kien Ufficjal. Dwar din il-procedura ta’ libel, hu kien intavolha peress li, skond kif hemm imnizzel fit-traskrizzjoni ‘Fil-Qorti … il-Pluto kkonferma li kien hu li talab il-flus lill-koppja u suppost li kellu jghaddihom lil Robert Cutajar’ u ‘Robert Cutajar, ufficjal fl-Ufficju tal-Prim Ministru …. u impjegat ta’ Net TV allegatament, suppost kellu jircievi dawn il-flus minghand il-Pluto bhala ringrazzjament talli lill-guvni irnexxilu jsiblu impjieg’ oltre ‘… Triza Grima xehdet kif il-flus ghaddiethom lil Pluto li izda qatt ma ghaddihom lil Robert Cutajar’ u ‘Ir-raguni li l-Pluto attribwixxa ghax il-flus baqghu qatt ma nghataw lil Cutajar hija l-problema finanazjarja kbar li kellu minhabba l-vizzju tal-usura’ liema Cutajar ‘… jafu ghax gieli tah xi biljetti biex imur jara l-loghbiet …’. Dwar dak premess l-attur specifika li ‘… fit-traskrizzjoni kien hemm imnizzel illi l-ammont ta’ hames

mitt lira (Lm500) kellu jinghata lili' ossija qed jigi '….. implikat direttamet bhala l-persuna li rceviet l-allegat ammont imsemmi…' waqt illi 'mistoqsi jekk huwiex minnu dak illi hemm indikat fl-istess traskrizzjoni billi l-flus illi Teresa Grima allegat illi tat lil Pluto qatt ma ghaddew lili, nghid illi vera'. Hu kompla jghid illi, fir-rappurtagg kif traskirtt jinghad li l-istess Grima kienet xehdet fil-proceduri kriminali izda filfatt dan ma kienx gara peress li kien l-Ufficjal Prosekutur li kien qed jirreferi ghall-istqarrija rilaxxjata minnha, kif jirrisulta mill-atti relattivi (ara s-sentenza esebita a fol 109 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta (fol 124 et seq ibid) da parti taghha, sostniet li dak rapportat kien ibbazat fuq il-kawza, li di gja ssemmiet, kontra Teresa Grima liema kaz kien in konnessjoni ma kalunja ('malizja'). Hi kompliet tghid illi dak rappportat kien '… irrisulta fil-process fil-Qorti' u '…. Konducibbli mill-fatti li hargu mill-process gudizzjarji' . Hawnhekk hi semmiet illi, filfatt, Teresa Grima kienetx xehdet f'dawk il-proceduri izda effettivament kien l-Ufficjal Prosekutur li, waqt ix-xhieda tieghu, kien semma x'qalet din l-akkuzata waqt l-istqarrija rilaxxata minnha. Hi regghet qalet illi '… ghamilnieha cara illi anke minn dak li qal l-istess Pluto li l-flus ma kienux ghaddew lil Cutajar' u '.. ahna sostnejna li Pluto u cioe Francis Mizzi qatt ma ghadda flus lill-attur Robert Cutajar'. Inoltre u testwalment hi qalet 'Ahna qatt m'ghadna li Francis Mizzi m'ghaddiex il-flus ghaliex kellu xi problemi ma l-uzura izda ghax kellu problemi ohra ….'.

Ikkunsidrat

Illi, wara rassunt tal-provi principali prodotti, ghandhom jigu rilevati s-segwenti punti kemm ta' ligi kemm ta' fatt:-

a) Ir-rapport in esami jirreferi ghal rapportar ta' kaz li kien qed jinstema fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) specifikatament ghal dak li kien instema' quddiem il-Qorti fid-9 ta' Ottubru 2006. F'din is-seduta kienet insemghet ix-xhieda ta' Franis Mizzi ossija 'Il-Pluto' (fol 53 ibid).

Ghalhekk din il-Qorti trid tara, b'applikazzjoni tal-artikoli 33 (d) tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid illi huma 'privileggati' u ezenti minn kull azzjoni, rapporti ta' procedimenti f'Qorti basta jkun '<u>gusti</u>' cjoe li jkun rapport li jirrispekkja dak li, filfatt, jkun intqal minn xhud quddiem il-Qorti jew risultanti minn xi prova ohra prodotta.

b) Dan premess, l-istess Francis Mizzi kien xehed fil-proceduri kriminali illi kien gie avvicinat fil-Marsa minn Teresa Grima u l-gharus taghha '… fuq xi job'. Dwar dan kien talabhom flus liema flus, kien ser jhallashom lill-attur f'dan il-kaz. Dwar dan il-punt, ix-xhud ppreciza li lill-attur '… ma kellimtu qatt fuq dan il-'job' avolja kien minnu li kien jafu. Hu kompla billi qal illi kien dahal f'cirku ta' uzura u kien uza l-istess flus sabiex jhallas lura parti mid-dejn tieghu. Izda lill-koppja kien qalilhom li l-flus kien, filfatt, tahom lill-attur.

c) Fir-rapport in esami, jinghad testwalment, 'Ir-raguni li l-Pluto attribwixxa ghax il-flus baqghu qatt ma nghataw lil Cutajar hija l-problema finanzjarji kbar li kellu minhabba l-vizzju ta' l-uzura'.

Dan li ghadu kemm gie citat, abbinat ukoll ma dak li jintqal immedjatament wara fl-istess rapport, <u>qed jimplika, b'mod car u li jista' jiftiehem hekk mill-'ordinary man in the street' illi x-xhud, Francis Mizzi, kien, filfatt miftiehem mal-attur, illi l-flus jhallashom lilu izda dan ma kienx sar minhabba l-problemi finanzjarji li kellu l-stess xhud.</u> Dan il-kliem li ngib fir-rapport, qatt ma kien intqal minn Francis Mizzi fix-xhieda tieghu u ghalhekk ir-rapport in esami ghandu jigi konsiderat bhala wiehed li ma hux 'gust'. Inoltre, hawnhekk il-Qorti ssostni li dan kien intiz sabiex jigi malafamat l-attur u ghalhekk dak mitlub fil-konfront tal-konvenut ghandu jigi akkolt.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward il-'quantum' ta' danni morali li ghandu jithallas lill-attur mill-konvenuti, dawn ser jigu likwidati fl-ammont ta' €500 fil-konfront tal-konvenuta u dak ta' €500 f'dak li jirrigwarda l-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u

1) tiddikjara illi l-allegazzjonijiet maghmula fil-konfront tal-attur imxandra fl-ahbarijiet tad-9 ta’ Ottubru 2006 fuq ‘Super One Television’ li tieghu l-konvenuta hija l-editur u l-konvenut huwa l-awtur huma libelluzi u malfamanti fil-konfront tal-attur u ghandhom bhala skop li jew inaqsu r-reputazzjoni tal-istess attur.
2) Tikkundanna l-ammont ta’ danni fis-somma ta’ €500 kull wiehed u wahda mill-konvenuti.
3) Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta’ €500 u lill- konvenut sabiex jhallas dejjem lill-istess attur is-somma ta’ €500 bl-imghax legali mid-data tallum stess sa dik tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta’ dawn il-proceduri, kwantu ghal nofs (1/2) mill-konvenuta, kwantu ghal nofs (1/2) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------